# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-14 ta' Gunju, 2017**

**Fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni**
**Numru 716/17 fl-ismijiet:**

**Thomas Mifsud, direttur, iben Emanuel u Sebastjana nee` Camilleri, imwieled il-Pieta` fis-16 ta' Settembru 1976 u joqghod Hal Qormi, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 473476M ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` TA' DERNIS PROPERTIES LIMITED (numru ta' registrazzjoni C-45644), kumpanija registrata Malta fil-21 ta' Novembru, 2008 u li ghandha l-ufficcju registrat taghha fl-indirizz 128, Triq San Bartolomew, Hal Qormi kif debitament awtorizzat skond il-Memordandum and Articles of Association ta' l-istess kumpanija.**

**vs.**

**Gemma Randich, mart Joseph Randich, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 937249(M) bint Carmelo Bonavia u Victoria nee` Agius, imwielda n-Naxxar fis 7 t'Ottubru 1949 u residenti Randich House, numru sittax (16), Triq il-Mazza, Naxxar, Theresa Bonavia, karta ta' l-identita` numru 600246M, xebba, bint Carmelo u Victoria *sive* Vittoria nee Agius,**

**imwielda Naxxar fit-30 ta' Gunju 1946 u residenti numru wiehed u hamsin (51), '*Glorious*', Triq il-Parrocca, in-Naxxar, Victor Bonavia detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 488955M, bin Carmelo u Victoria *sive* Vittoria nee Agius, imwieled il-Pieta` fit-28 ta' Gunju 1955 u residenti 16, Triq ic-Cirasa, Naxxar, Francis Bonavia, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 278548(M), bin Carmelo u Victoria *sive* Vittoria nee Agius, imwieled in-Naxxar fil-15 ta' Frar, 1947 u residenti Bonavia House, Maghsar House, Burmarrad; Joseph Bonavia, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 39535(M), bin Carmelo u Victoria *sive* Vittoria nee Agius, imwieled in-Naxxar fis-7 ta' Jannar 1935 u residenti Marstel House, 67, Busiett Street, Naxxar; Grace Bonavia detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 646352(M), xebba, bint Carmelo Bonavia u Victoria nee` Agius, imwielda l-Pieta` fid-29 t'Awissu 1952 u residenti numru wiehed u hamsin (51), '*Glorious*', Triq il-Parrocca, in-Naxxar; David Bonavia detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 60970(M), bin il-mejjet Gregory u Anna nee` Mifsud, imwieled Sliema fl-24 ta' Jannar 1970 u residenti numru tlieta u ghoxrin (23), Triq il-Muskatell, Attard; James Bonavia detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 280773(M), bin il-mejjet Gegory u Anna nee` Mifsud, imwieled Sliema fit-3 ta' Mejju 1973 u residenti numru hamsa u ghoxrin (25), Triq il-Muskatell, Attard; Marie Claire Leonard Bonavia, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 280673(M), mart Luc Leonard, bint il-mejjet Gregory u Anna nee` Mifsud, imwielda Sliema fit-tlieta (3) ta' Mejju 1973 u residenti numru sittax sbarra erbgha (16/4), Avenue Henri Hollevoet, numru wiehed zero tmienja zero (1080), Molenbeek-Saint Jean, Brussell, Belgju u l-Avukat Dr. Fransina Abela u l-Prokuratur Legali Daniel Aquilina fil-kwalita` taghhom ta' Kuraturi Deputati b'digriet datat id-disgha (9) ta' Mejju 2017 ghall-assenti Mary Cassar, mart Anthony Cassar, detentrici tal-passaport Awstraljan bin-numru N9104443, bint Carmelo Bonavia u Victoria nee` Agius, imwielda n-Naxxar fl-24 t'Awissu 1936 u residenti 42, Railway Pde, Deer Park, Victoria, VIC 2023, Awstralja u ghall-assenti Antonia Sultana detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 240643(M), mart il-mejjet Francis, bint Carmelo Bonavia u Victoria *sive* Vittoria nee Agius, imwielda in-Naxxar fl-20 ta' Frar, 1943 u residenti 12, Dubbo Street, Albion, Victoria, VIC 3020, Awstralja.**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur datat l-10 ta' Mejju, 2017, (ara foll 1);

2. Regghet rat id-digriet preliminari taghha wkoll datat l-10 ta' Mejju, 2017, (ara foll 1 u 46);

3. Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati datata t-23 ta' Mejju, 2017, (ara foll 52);

4. Rat ir-risposta tal-intimati l-ohra datata l-15 ta' Mejju, 2017, (ara foll 53);

5. Regghet rat l-istess rikors promotur u in vista tar-risposti irriappuntat l-istess ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 1 u 88);

6. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi sintetikament ir-rikorrenti qed jitolbu li jitharsu d-drittijiet taghhom billi l-intimati:

 7.1. Jinzammu milli b'xi mod jittrasferixxu l-art indikata fl-istess rikors promotur *nonostante* l-konvenju iffirmat, (ara foll 8); u dan

 7.2. In vista tal-artiklu 875(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat:

8. Illi bejn il-partijiet jezisti konvenju datat it-12 ta' Settembru, 2014, (ara foll 8), b'validita` sat-12 ta' Marzu, 2016, (ara foll 9 u 76);

9.0. Illi l-istess konvenju kien suggett ghal zewg kondizzjonijiet, (ara foll 10):

 9.1. Illi jinghata l-permess tal-*Planning Control application*; u

9.2. Illi jinhareg il-permess tal-MEPA;

Ikkunsidrat:

10. Illi minn ricerka fir-rigward kondotta min-Nutar Sam Abela irrizulta li l-Gvern ta' Malta kien irregistra f'ismu tliet (3) porzjonijiet art zghar mill-art in dizamina;

11. Illi sussegwentement il-validita` tal-konvenju in dizamina ggeddet sat-12 ta' Settembru, 2016, (ara foll 77);

12. Illi permezz t'ittra ufficjali datata t-12 ta' Settembru, 2016, is-socjeta` rikorrenti interpellat lill-intimati biex jaddivjenu ghall-att finali ta' bejgh fit-termini tal-istess konvenju, (ara foll 79);

13. Illi l-validita` tal-konvenju fuq riferit giet estiza sal-10 t'April, 2017, (ara foll 82);

Ikkunsidrat:

14. Illi sussegwentement, a bazi ta' ftehim datat is-26 t'April, 2017, (ara foll 82 u 83), il-partijiet, filwaqt li rriferew ghall-klawsola numru 6 tal-estensjoni tal-konvenju datat l-10 ta' Mejju, 2016, (ara foll 77 u 78), fejn rizultat tal-istess qabblu li fil-kaz li l-applikazzjoni fuq riferita tal-*Planning Control* ma tkunx approvata, il-konvenju in dizamina jitqies terminat, (ara foll 83);

15. Illi kif jirrizulta mill-korrispondenza datata l-5 t'April, 2017, (ara foll 84), l-intimati kienu lesti jersqu ghall-att finali ta' bejgh izda ma kienux disposti jgeddu l-konvenju aktar, (ara foll 87);

Ikkunsidrat:

16. Illi fir-rigward tal-applikazzjoni lill-ufficcju tal-*Planning Control* jinghad li din ma tirrizultax li giet approvata, anzi lanqas biss jirrizulta mill-atti li saret id-debita applikazzjoni fir-rigward mis-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

17. Illi in effetti in konsegwenza tal-paragrafu immedjatament qabel dan, *ai termini* tal-ftehim datat is-26 t'April, 2017, (ara foll 82 u 83), il-konvenju in dizamina m'ghadux aktar vigenti u hu kkunsidrat li ddekada;

Ikkunsidrat:

18. Illi in vista tal-premess ma jissussistux l-elementi tad-dritt *in prima facie* vantati mis-socjeta` rikorrenti;

19. Illi nieqes dan l-element, it-talba ghall-hrug tal-mandat *de quo* ma tistax tigi akkolta;

**DECIDE:**

20.0. Illi in vista tal-premess tqis li r-rikorrenti *nomine* ma ipprovax it-talbiet tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

20.1. Tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti *nomine*;

20.2. Tirrevoka d-digriet provizorju precedenti datat l-10 ta' Mejju, 2017, *contrario imperio*;

20.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti *nomine*.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**